MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru 861/2014

Il-Pulizija

Spettur Anna Marie Xuereb

vs

John Mary Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 623760m akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta’ Settembru 2010 u Settembru 2011, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew persuna/i ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat meta l-

istess haga giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad-dannu tal-Kumpanija ***Melita Mobile Ltd u/jew Melita plc;***

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal tal-24 ta' Marzu ta' din is-sena ;

Semghat lill-imputat fl-istess udjenza jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq l-iskorta tal-verbal fuq imsemmi u l-ftehim li wkoll jinsab esebit in atti, stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, issibu hati tal-akkuza reportata kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 18, 293, 310(1)(a).

Tiddeciedi: li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sena mill-lum

Fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------